MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2013

Numru. 1098/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Haber)**

**vs.**

**Raymond Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Raymond Farrugia**, ta' sittin (60) sena, bin John (mejjet) u Lucija (mejta) neé Galea, imwieled il-Marsa, nhar it-8 ta' Ottubru 1952, residenti 9, Triq Victor Vassallo, Attard, u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-Numru 0749852M, akkuzat talli;

1. fil-kapacita tieghu personali kif ukoll fil-kapacita tieghu bhala direttur ta' Liberty International Malta Limited impjega, talli fit-12 t'Ottubru tat-2012, u matul l-ahhar jiem, f'dawn il-gzejjer impjega jew ta xoghol lil persuna li ma kinitx persuna ezenti u li ma kellhiex licenzja moghtija lilha

ghal dak l-impjieg jew xoghol skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att ta' Immigrazzjoni tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, jew mod iehor ghen jew assista persuna mhux ezenti fl-ghemil ta' reat mahsub taht l-Artikolu 32 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fil-kapacita tieghu personali kif ukoll fil-kapacita tieghu bhala direttur ta' Liberty International Malta Limited, talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, bhala l-persuna responsabbli tax-xoghol li kien qieghed isir fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, impjega persuna li ma kinitx cittadina ta' Malta meta din il-persuna ma kellhiex permess validu u ufficjali;

3. fil-kapacita tieghu personali kif ukoll fil-kapacita tieghu bhala direttur ta' Liberty International Malta Limited, talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi bhala l-*principal*, jew il-persuna li mpjega persuna ohra, *full-time*, *part-time*, jew xort'ora b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b'dan l-impjieg kif hemm fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 (3a u 10)

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fedina penali tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikolu 32(1)(b) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolamenti 3(a) u 10 tal-Legislazzjoni Sussidarja 343.23 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa komplessiva ta' elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€ 1164.69).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------